

PROGRAMM

# FESTI SOLENNI LI JSIRU FIL-PARROĊĊA TA' L-IMQABBA

F'ĠIEH

# SANTA MARIJA

## PATRUNA TAR-RAĦAL

30 ta' Lulju sat-22 ta' Awissu 1974


For lighter housekeeping: the happy iron
A dry iron and a steam iron and a steam-spray iron in one. A lightweight iron. For heavy fabrics and delicate ones. The all-in-one iron that's nice to housewives. A happy iron. By Philips.
PHILIPS
PHILIPS
See the happy iron and other household helpers at your Philips dealer's
PHILIPS SHOWROOMS
282, Kingsway, Valletta.
and Philips Dealers throughout
Malta and Gozo

# Kelma tal-Kappillan

Ix-xahar t'Awissu wasal u għall-Imqabbin ifisser li waslet il-Festa ta' Santa Marija, Titulat tal-Parroċċa. Kulħadd tarah jirranġa d-dar, jiżbogħ u anke jara x'se jkollu xi ħaġa tajba. Bħal fl-imgħoddi, din għandha tkun okkażżjoni għalina biex nerġgħu niltaqgħu ma' Imqabbin oħra li ma narawhomx kuljum għax jgħixu barra mir-raħal. Magħhom naqsmu l-ferħ tal-Festa tagħna. Hija okkażżjoni biex familji jiltaqgħu, aħwa miżżewġa jingħaqdu f'dar waħda biex jifirħu b'xulxin u jieklu flimkien bħal meta kienu żgħar.

Barra dan l-aspett soċjali, hemm ukoll in-naħa reliġjuża. Kemm nies naraw f'dawn il-ġranet jinviżtaw il-Knisja mżejna tagħna u jieħdu sehm fil-funzjonijiet reliġjużi! Hija x-xhieda tagħna li nagħtu glorja lil Marija SSma, li rebbieħa fuq id-dnub u l-mewt, ittellgħet fis-sema bir-ruħ u l-ġisem. Hija t-tama tagħna li Bħalha għad nieħdu r-rebħa biex permezz Tagħha għad naslu ħdejn Binha Ġesù. Huwa faraġ kbir li f'dawn il-ġranet ħafna jersqu lejn l-artal biex jirċievu l-Ġesù Ostja, l-veru ferħ u hena tagħna, Dak li kien tant ta' għożża għal Marija SSma.

Jekk dejjem qisna dan l-aspett reliġjuż, iktar u iktar għandu jkun din is-sena. Qegħdin fis-Sena Mqaddsa, sena ta' rikonċiljazzjoni ma' Alla u ħutna l-bnedmin. Din is-sena l-Festa għandha tkun okkażżjoni ta' tiġdid fl-imħabba tagħna lejn Alla. Flimkien neżaminaw ruħna jekk l-imħabba tagħna biex tassew sinċiera. Bħal Marija, li fil-ħajja Tagħha fuq l-art dejjem fittxet li tħobb lil Binha u taqdi lill-bnedmin, naraw li nitħeġġu biex ikollna relazzjonijiet aħjar Miegħu u ma' ħutna. B'hekk nistgħu ngħidu li għaddejna Festa li tixraq lil Marija SSma.

IL-KAPPILLAN.

# KIF IL-QADDISIN ĦARSU LEJN MARIJA

Marija SSma. ma tistmerx mill-ebda midneb li jersaq lejha għad li jkun kemm ikun imkasbar u jqażżeż; jekk huwa jitlobha l-għajnuna, Hija ma tarahiex bi tqila li tmidd idejha tal-ħniena biex terfgħu mill-qiegħ tal-qtigħ il-qalb.

San Bernard

Alla qiegħed lil Marija SSma. Sultana tal-ħniena biex aħna lkoll ulied imsejkna ta' Adam nifirħu meta naħsbu li għandna fis-sema dina l-kbira Sultana kollha ħniena u mgħodrija għalina.

San Bonaventura

Kunu dejjem devoti ta' Marija Verġni għaliex dan huwa l-aħjar mezz biex wieħed jaqla' l-grazzi minn għand Alla.

San Filippu Neri

Min ma jogħbodx id-dnub ma jistax jissejjaħ devot ta' Marija SSma. għax Marija SSma. hija l-għadu ta' kull dnub.

Scaramelli

**Talba lil Marija minn San Bernard**

Ftakar, o Verġni Marija kollok ħniena, illi kemm ilha wieqfa d-dinja qatt ma nstema' li baqa' mnikket kull min fittex il-għajnuna tiegħek, kull min talbek b'fiduċja fil-hemm u slaleb tiegħu. Hawn jien, mela, mimli b'tama kbira fil-ħniena tiegħek, o Omm u Verġni tal-Verġni, quddiemek ninxteħet. Lilek ingħajjat u, bħala msejken midneb nitlob il-għajnuna tiegħek. La tistmerrx talbi, ja Omm il-Verb Inkarnat iżda ismagħni kollok tjieba u hennini.

# FESTI TA' BARRA

**30 ta' Lulju** — Wara l-funzjoni tal-Knisja, issir mixgħela tal-faċċata tal-Knisja u tal-**King George V Band Club.**

**4 ta' Awissu** — Fis-7.00 p.m. Ħruġ ta' l-istatwa ta' Santa Marija fil-Knisja. Wara, l-**Banda King George V** tagħmel marċijiet brijużi mat-toroq prinċipali kollha tal-Imqabba. Mixgħela tal-Knisja, Pjazza u tal-Każin King George V.

**13 ta' Awissu** — Wara l-funzjoni tal-Knisja, l-**Banda King George V** tagħmel marċijiet u ddoqq fil-Pjazza tal-Knisja taħt id-direzzjoni tas-**Surmast George Martin, A. Mus., L.C.M.** Wara, ħruq tal-logħob tan-nar fil-Pjazza tal-Knisja. Mixgħela Ġenerali.

**14 ta' Awissu — LEJLIET IL-FESTA**

Fid-9.00 p.m. — Mixgħela ġenerali tar-raħal. Il-Baned **"Queen Victoria"** taż-Żurrieq, u **"San Nikola"** tas-Siġġiewi wara li jferrħu t-toroq ta' l-Imqabba bil-marċijiet jagħmlu programm fil-Pjazza tal-Knisja.

Fl-10.00 p.m. H—ruq tal-Murtali, Beraq Pront u tal-Kulur.

Fil-11.30 p.m. — Ħruq ta' logħob tan-nar artistiku.

**15 ta' Awissu — JUM IL-FESTA**

Fil-5.00 p.m. — Mixgħela Ġenerali.

Fis-6.30 p.m. — Il-Banda "Queen Victoria" taż-Żurrieq u "San Nikola" tas-Siġġiewi, jagħmlu marċijiet u jdoqqu programm fil-Pjazza tal-Knisja.

Fis-7.30 p.m. — Waqt il-Ħruġ tal-Proċessjoni tindaqq **L-AVE MARIS STELLA** bil-kant tal-Kor "Cantate Domino" taż-Żurrieq. Meta l-proċessjoni tasal ħdejn il-Każin King George V, il-Banda "Queen Victoria" iddoqq **INNU LIL SANTA MARIJA ASSUNTA,** miktub mir-**Rev. Patri G.M. Ghigo, S.J.,** u mużikat mis-**Surmast G. Martin, A.Mus., L.C.M.** Ikantaw fih it-Tenur **Andre wSapiano** u l-Baritonu **Joe Fenech** mal-Kor **"Cantate Domino"** (taħt it-tmexxija tar-**Rev. Fr. Michael D'Amato, A.L.C.M., L.R.S.M.** Waqt il-proċessjoni isir sparar ta' musketterija, ħruq ta' Kaxxi Infernali, Murtaletti, Murtali tal-Kulur u Beraq Pront.

Sett ta' marċi u l-Innu lil S. Marija Assunta għandhom jinstemgħu fuq ir-Rediffusion dak in-nhar tal-Festa fit-3.00 p.m. Iddoqq il-Banda King George V taħt id-direzzjoni tas-Surmast G. Martin, A.Mus., L.C.M.

Il-logħob tan-Nar, il-Kaxxi Infernali, il-Murtali tal-Kulur u l-Beraq Pront huma kollha xogħol tad-dilettanti tas-Soċjetà S. Marija.

# FESTI TA' ĠEWWA L-KNISJA

**30 ta' Lulju — FTUĦ TAL-KWINDIĊINA**

Fis-6.15 p.m. — Għasar Solenni, Ċelebrazzjoni Biblika fuq Santa Marija, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika li tagħlaq bil-Barka Sagramentali.

Fis-7.30 p.m. — Quddiesa ta' filgħaxija.

**4 ta' Awissu — ĦRUĠ TA' L-ISTATWA.**

Fil-5.30 p.m. — Għasar Solenni.

Fis-6.00 p.m. — Quddiesa ta' filgħaxija, Ċelebrazzjoni Biblika fuq S. Marija, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika li tagħlaq bil-Barka Sagramentali.

Wara jsir il-**ħruġ tal-istatwa ta' Santa Marija** minn niċċa tagħha .Kant tal-**Ave Maris Stella** u Antifona.

**11 ta' Awissu —— L-EWWEL JUM TAT-TRIDU.**

Fis-7.00 p.m. — Quddiesa Kantata, ċċelebrata mill-**W.R. Dun Anġelo Vella,** Kappillan ta' Ħal-Kirkop, bil-priedka fuq "Il-Fidi ta' Marija fil-misterju ta' Kristu".

Ċelebrazzjoni Biblika fuq Santa Marija, Innu, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika li tagħlaq bil-Barka Sagramentali.

**12 ta' Awissu — IT-TIENI JUM TAT-TRIDU.**

Fis-7.00 a.m. — Quddiesa Kantata Solenni.

Fis-7.00 p.m. — Tibda l-funzjoni ta' filgħaxija b'Quddiesa Kantata Solenni u priedka fuq "Marija u u t-Tama Nisranija" mill-**W.R. Dun Lawrenz Cachia, Lic. D.,** Arċipriet ta' Ħaż-Żebbuġ.

Għall-bqija kollox bħal jum ta' qabel.

**13 ta' Awissu — IT-TIELET JUM TAT-TRIDU.**

Funzjonijiet u ħinijiet kollox bħal ma hemm fit-tieni jum tat-Tridu. Iqaddes u jippriedka il-**W.R. Dun Joe Carabott,** Kappillan ta' Marsaskala, fuq "Marija u l-Imħabba lejn Kristu u l-Bnedmin..'

**14 ta' Awissu — LEJLET IL-FESTA.**

Fit-7.45 a.m. — Quddiesa Kantata Solenni mill-Kappillan tal-Parroċċa, il-**W.R. Dun Ġużepp Farrugia,**

Kant tat-"Te Deum", b'ringrazzjament u għeluq tat-Tridu, Innu u Antifona.

Fis-6.30 p.m. — Translazzjoni Solenni tar-Relikwa u Quddiesa Solenni bl-Orkestra. Jiffunzjona l-**Ill.mu** u **Rev.mu Mons Dun Angelo Ghigo, D.D., Bl., Can.**, Kompieta u Ċelebrazzjoni Ewkaristika li tagħlaq bil-Barka Sagramentali.

**15 ta' Awissu — JUM IL-FESTA.**

Fil-5.00 a.m. — Quddiesa Letta.

Fis-6.00 a.m. — Quddiesa Letta bi Tqarbina Ġenerali għall-kbar.

Fis-7.00 a.m. — Quddiesa letta bi Tqarbina Ġenerali għat-tfal.

Fit-8.00 a.m. — Kant Solenni tal-Lawdi.

Fit-8.45 a.m. — Kant tat-Terza.

Fid-9.00 a.m. — Quddiesa Solenni mill-**Kappillan il-ġdid tal-Parroċċa, il-W.R. Dun Ġużepp Farrugia** u Paneġirku mill-**W.R. Kan. Dun Lawrenz Mifsud, Lic.D.**, Arċipriet tal-Birgu.

Fl-10.30 a.m. — Quddiesa letta.

Fil-11.30 a.m. — Quddiesa letta.

Fin-12.30 p.m. — Toħroġ l-aħħar Quddiesa.

Fis-6.00 p.m. — Sekondi Vespri Solenni mill-Kappilpillan tal-Parroċċa, l-**W.R. Dun Ġużepp Farrugia.**

Proċessjoni bl-istatwa artistika tal-Patruna tal-Parroċċa, immexxija mill-istess Kappillan.

Malli tidħol il-Proċessjoni fil-Knisja jkun hawn Ċelebrazzjoni Ewkaristika li tagħlaq bil-Barka Sagramentali. Wara jsir il-bews tar-Relikwija.

**F'lejlet il-Festa jkun hawn konfessuri barranin għall-Qrar.** Il-mużika tat-Tridu, lejlet u nhar il-Festa tkun taħt it-tmexxija tas-Surmast il-**W.R. Patri Salv, Galea, L.R.S.M.**

**22 ta' Awissu — L-OTTAVA TAL-FESTA.**

Fil-5.30 p.m. — Għasar Solenni, Reposizzjoni tar-Relikwija, TE DEUM u Ċelebrazzjoni Ewkaristika li tagħlaq bil-Barka Sagramentali.

Fis-7.00 p.m. — Quddiesa ta' filgħaxija.

# RENDIKONT FESTA "SANTA MARIJA" 1973

**HRUĠ**

| | |
|---|---|
| Orkestra | £M118.15,0 |
| Private għall-Orkestra | 9.00,0 |
| Personal Barrani | 32.75,0 |
| Xogħol ta' Stampa | 14.85,0 |
| Servizzi fil-Knisja: | |
| Kwindiċina u Festa | 20.17,0 |
| Fjuri u Xama' | 7.00,0 |
| Organista: Kwindiċina | 8.80,0 |
| Armar fil-Knisja eċċ. | 10.00,0 |
| Daqq ta' Qniepen | 5.00,0 |
| Xorb | 3.50,0 |
| | £M229.22,5 |

**DHUL**

| | |
|---|---|
| Ġbir mill-envelopes | £M250.00,0 |
| Tar-Reklami | 12.50,0 |
| Ġbir mix-Xebbiet | 18.00,0 |
| | £M280.50,0 |

| | |
|---|---|
| Dħul | £M280.50,0 |
| Hruġ | £M229.22,5 |
| Bilanċ | £M51.27,5 |

Nirringrazzjaw minn qalbna lil kull min ta xi offerta, u waqt li nittamaw illi kulħadd jibqa' jżidha, nitolbu lil Marija Assunta, Patruna tagħna, taqlagħalna l-Barka ta' Binha Ġesù.

Il-Kappillan,
Prokuratur tal-Festa.

# L-ARMAR TAL-FESTA TA' SANTA MARIJA

Hija ħaġa xierqa li llum nagħtu tagħrif storiku fuq l-armar li jintrema' għall-Festa ta' Santa Marija. Mimli sbuħija u ta' valur artistiku l-armar tagħna jiġbed l-ammirazzjoni mhux biss tal-Imqabbin iżda wkoll ta 'dawk kollha li jiġu għall-Festa tagħna. Iżda aqwa minn hekk dan l-armar huwa monument ħaj tas-sagrifiċċji li soċi ta' qabilna għamlu għall-Każin **RE ĠORĠ V**.

Wara li fl-1920 saru erba' trofej, **Baskal Gauci** u **Giovanni Zammit** ħarġu bl-idea sublimi li l-armar tal-Festa għandu jiżdied u wrew ix-xewqa li jsiru l-istatwi tat-Tnax l-Appostlu, Sant' Anna u San Ġwakkin, sett ta' Anġli u fl-aħħarnett l-Inkoronazzjoni tal-Madonna. L-ispejjeż kienu kbar, iżda bit-tħabrik u ż-żelu ta' Giovanni Zammit nstabu l-benefatturi meħtieġa biex ikopru l-ispejjeż.

Mgħejjun mis-soċi tal-Każin, speċjalment mill-aħwa **Innocenzio** u **Giuseppi Psaila,** l-ex President **Ġanni Ghigo** beda x-xogħol tal-iskultura tal-pedestalli tal-Appostli u u l-istatwi l-oħra li ddisinn tagħhom sar minn ħabib tagħna mill-Birgu. Ftit taż-żmien wara, l-istess membri attivi kienu responsabbli għat-twettiq tax-xogħol tal-injam tal-Pedestall tal-Inkoronazzjoni li d-disinn tiegħu sar mill-magħruf **Surmast Abram Gatt** filwaqt li l-iskultura minn **Piju tal-Kalkara.** * Saru wkoll il-pilandri maħduma mill-istess Ġanni Ghigo.

In-naturalezza u l-ħajja li bihom l-istatwi tal-kartapesta huma kollha mogħnija, jixhdu l-id fina u esperta ta' **Mastru Karm** minn Ħal-Qormi li ħadimhom fuq id-disinn tal-famus **Darmanin**.

Dak iż-żmien l-istatwi tal-Appostli qamu £18; il-ġenituri tal-Madonna £5; l-Anġli £12; filwaqt li l-Inkoronazzjoni qamet £50 .Dawn l-ispejjeż sintendi ma jkoprux dawk tal-

injam li nħela għall-pedestalli. Wieħed jibqa' mistagħġeb bis-sagrifiċċji li saru biex dan l-armar kollu sar nhar ta' xogħol biss u fi żmien ta' tlett snin.

Kontemporanjament max-xogħol tal-injam saret ħaġa li kienet kompletement ġdida għal Malta. Din kienet l-introduzzjoni ġo l-Imqabba ta' pavaljuni li sa dak iż-żmien ma kienu dehru fl-ebda mkien ieħor ġewwa Malta. Fuq id-disinn ta' ċertu **Vassallo** minn Bormla — ħaddiem ġo d-Dockyard — ħafna partitarji nisa ħajjata, ggwidati minn **Mikiel Ellul,** taw is-sehem tagħhom biex din l-idea oriġinali sseħħ. Fil-bidu saru għaxra u dawk li jintremgħu f'parti minn Triq il-Parroċċa sarulhom l-armi tal-Parroċċi kollha — inkluża dik t'Għawdex — li dak iż-żmien kellhom lil Santa Marija bħala Titular. Dawn l-armi tpittru minn **Karmu** ta' H'Attard, li xogħol minn tiegħu għandna wkoll fis-Sagristija tal-Knisja Parrokkjali.

Aktar riċenti, ir-raħal kompla ngħata l-ħajja u l-atmosfera tal-Festa meta saru l-antaljoli bil-bandaolri maħduma min-nisa partitarji u mqabbdin minn **Toni Borg** li, barra li ħadem id-disinn tagħhom ħareġ ukoll l-spejjeż. Fuq l-inizzjattiva tal-istess Toni Borg, in-numru ta' pavaljuni żdied konsideravolment biex illum kull triq għandha l-pavaljuni tagħha.

Fl-aħħarnett tajjeb li nsemmu x-xogħol ta' restawrar li sar lill-Pedestall tal-Inkoronazzjoni fl-1967, u lill-Pedestalli l-oħra flimkien ma' l-istatwi rispettivi tagħhom proprju s-sena l-oħra fl-1973. Dan ir-restawrar sar minn soċi tal-Każin taħt issorveljanza ta' **Karmnu Ghigo,** li ħallina aktar kmieni din is-sena.

* Ara Programm tas-sena 1973.

# The town-and -country cooker.

This Philips cooker works on kerosene. That means it's safe, inexpensive and – most important of all – you can use it anywhere. It has a low pressure gasifier which turns low-cost kerosene into real gas for safe odourless cooking.

Just light the pilot burner and the rest is automatic.



**PHILIPS**

**PHILIPS SHOWROOMS**

282, Kingsway, Valletta.

*and Philips Dealers throughout Malta and Gozo*

# FIL-FESTA TAL-IMQADDSA MARIJA

## MTELLGĦA S-SEMA

## 15 ta' Awissu 1920

Ja jum, is-sliem! Dhert fl-aħħar
Lilna ħelu titbissem;
Sabiħ fuq l-oħrajn waħdek
F'qalbna tgawdija tnissei.

Inkarkru t-toqol t'hemmna
Tul żmien kiefer imxejna;
L'infittxu minnha jaħrab;
Fost dwejjaq kbar irtmejna.

Il fuq rasna erfajtilna;
Nifs ta' mistrieħ ħassejna,
Sabiħ rajnieh is-sema,
Stħajjilna iħares lejna.

Le, ma ilmaħniex hemm Anġlu
Lilna b'sejf f'idu ibiegħed:
B'idu iżda il fuq jurina
Hieni, tgawdija jwiegħed

Ħarisna. O dehra! O ħlewwa!
Imlibbsa bl-isbal dija
Fuq tron sew ħdejn ta' Kristu
L-Ommna, rajna: O Marija.

Kollox insejna, hemm, niket;
F'widnejna jidwi sbejjaħ
L-isem li l-ħolqien kollu
Illum ferħan isejjijaħ.

Dejjem Marija, dejjem
Kien l-isem li ferraħna
F'qalbna maħżuż sa mindu
Għajnejna għad-dinja ftaħna.

Maħżuż hemm baqa' u jibqa'.
Min qatt minn hemm iħassru
Jixtieq jew b'ħiltu jista'?
L-iġsma ,le il qlub jitjassru.

Isem Marija nieħdu,
Jekk miil-maħbuba gżira
Ninfirdu jeħtiġielna,
Magħna ħalla għożża kbira.

U dana l-isem ħelu
Intennu f'art mhix tagħna
U Malta nerġgħu nirfsu,
U għażiż inġibuh magħna.

Marija il-Malta ħares;
Dejjem irbaħt l-għedewwa
Meta int magħna, sħaħ nibqgħu
F'tagħlim wieħed tas-sewwa.

15 ta' Awssiu 1920 — Bis-sensja tal-Knisja